MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 19/2004/1

**Pig Breeding Company Limited**

**v.**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali u “konvenzjonali” taghha fil-11 ta’ Ottubru 2005. Din is-sentenza kienet tirrigwarda talba maghmula mis-socjeta`

rikorrenti sabiex jigi dikjarat li fil-konfront taghha kienu gew lezi d-drittijiet imharsa mill-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u dan in kwantu l-Artikolu 35(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) kien jikser il-jedd fondamentali ghal smigh xieraq protett bl-imsemmija disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni.

2. Fir-rikors promotorju presentat fit-28 ta' Gunju 2004 is-socjeta` rikorrenti fissret li permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 1998[1] l-awdituri taghha kienu, a nom taghha, ghamlu oggezzjoni mad-Dipartment tat-Taxxi Interni ghall-kontijiet tas-snin ta' stima 1994 sa 1997. Din l-oggezzjoni kienet giet michuda mill-Kummissarju intimat. Ghalhekk is-socjeta` appellat quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali[2]. L-imsemmi Bord, pero`, bdecizjoni tal-11 ta' Dicembru 2002[3] iddikjara l-appell null peress li s-socjeta` ma kienitx hallset it-taxxa li ma kienitx in kontestazzjoni – skond kif jirrikjedi l-Artikolu 35(1) tal-Kap. 327 – qabel ma gie ppresentat l-appell. Is-socjeta` rikorrenti kompliet hekk fl-imsemmi rikors promotorju:

**"Illi l-esponenti ma kellhiex il-mezzi finanzjarji sabiex qabel ma tappella thallas l-ammont tat-taxxa li dwarha ma kienx hemm kwistjoni. Tant hu hekk li dahlet fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni [4] sabiex thallas dan l-ammont permezz ta' pagamenti mensili. Ftehim li gie onorat min-naha ta' l-esponenti [5]. Illi peress li l-esponenti ma kientx tinsab f'qaghda finanzjarja li thallas l-ammont ta' taxxa mhux kontestat, giet imqieghda f'posizzjoni li ma tistax**

[1] Fol. 11 tal-atti.
[2] Ara dokument datat 19 ta' April 2002, fol. 9 u 10.
[3] Ara kopja tad-decizjoni a fol. 66 *et seq.* tal-atti.
[4] Ara d-dokument a fol. 13 tal-atti, li hu ftehim datat 19 ta' April 2002, cioe` l-istess data tar-rikors ghal appell quddiem il-Bord.
[5] Kif ser naraw aktar 'l quddiem, l-intimati, fir-risposta (u appell incidentali) taghhom tat-28 ta' Ottubru 2005 ghall-appell odjern jghidu li mit-13 ta' Jannar 2003 il-kumpanija waqfet taghmel pagamenti skond l-imsemmi ftehim – haga li qatt ma giet rilevata fir-risposta taghhom tat-23 ta' Novembru 2004 ghar-rikors promotorju jew sussegwentement quddiem l-ewwel Qorti.

**tittutela d-dritt taghha li tappella mid-decizjoni ta' l-intimat.**

**"Illi wara d-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali l-esponenti ntavolat appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet *Pig Breeding Co. Ltd v. Kummissarju tat-Taxxi Interni* [Appell numru 3/2003] li gie deciz fit-28 ta' April 2004 [6]. Il-Qorti kkonkludiet li d-disposizzjoni fuq imsemmija kienet wahda cara u ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni, u ghaddiet biex tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Kummissarji Specjali.**

**"Illi l-esponenti hija tal-fehma illi l-Artikolu 35(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jilledi d-dritt fundamentali ta' l-esponenti ghal smigh xieraq kif protett fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll id-dritt fundamentali protett fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

**"Illi ghalkemm bhala principju generali li d-dritt ta' appell m'huwiex garantit taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, pero` fejn procedura ta' appell hija moghtija f'ligi domestika din ghandha tkun konformi mar-rekwiziti ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

**"Illi l-imsemmi provvediment tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa filwaqt li jaghti access sabiex persuna tikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, qieghed fl-istess hin iservi biex jirrestringi l-access ghall-imsemmi Tribunal lil dawk li m'humiex f'posizzjoni finanzjarja li jhallsu u li bil-ligi ghandhom kull jedd li jikkontestaw, filwaqt li qieghed jirriserva dak id-dritt biss favur min jista' jhallas. Dan iktar u iktar meta fil-kaz odjern l-esponenti dahlet fi ftehim bonarju ma' l-intimat sabiex thallas permezz ta' pagamenti mensili l-ammont ta' taxxa mhux kontestat, ftehim li l-esponenti onorat fl-intier."**

[6] Ara kopja tas-sentenza a fol. 84 ta' l-atti.

3. Premess dan kollu, l-imsemmija socjeta` Pig Breeding Company Limited talbet lil dik il-Qorti ta’ prim istanza sabiex:

**“(i) tiddikjara li l-Artikolu 35(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jilledi d-dritt fundamentali ghal smigh xieraq kif protett fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, in kwantu ma jippermettix lil min m’ghandux il-mezzi finanzjarji (kif inhi l-esponenti) jappella quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali *‘jekk qabel ma jhallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni’*; (ii) tiddikjara li l-Artikolu 35(1) imsemmi jilledi d-dritt fundamentali in kwantu ma joffrix rimedju effettiv ghal min bhall-esponenti ma jkollux mezzi finanzjarji sufficjenti sabiex ihallas it-taxxa li m’hijiex kontestata b’rizultat li ma jkunx jista’ jappella mid-decizjoni ta’ l-intimat; (iii) tordna li l-appell intavolat mill-esponenti quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali ghandu jigi kkunsidrat jew tawtorizza lill-esponenti sabiex joggezzjona u jressaq il-kontestazzjoni tieghu quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali skond il-kaz; u (iv) taghti kwalsiasi provvediment iehor sabiex jigi accertat li l-esponenti tinghata smigh xieraq u l-opportunita` biex tikkontesta quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali d-decizjoni mehuda mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.”**

4. L-intimati, fir-risposta taghhom tat-23 ta’ Novembru 2004[7] eccepew bazikament is-segwenti: (1) li l-proceduri dwar stima ta’ taxxa ma jaqghux taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghax ma humiex dwar id-determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili; (2) li t-talba taht l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma tistax tintlaqa’ ghar-raguni moghtija fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-16 ta’ Mejju 2000 fl-ismijiet ***Marios Georgiou and another v. United Kingdom*** [8]; u (3) li l-Art. 35(1) tal-Kap. 372 isemmi taxxa li

[7] Fol. 96 sa 101 tal-atti.
[8] Decizjoni dwar ammissibilita`.

dwarha ma hemmx kontestazzjoni, u li ghalhekk hemm kontradizzjoni bejn dak li tghid is-socjeta` rikorrenti meta tistqarr illi qalghet xi flus li fuqhom ghandha tithallas it-taxxa, u, filwaqt illi tistqarr illi ghandha thallas it-taxxa fuq il-flus li qalghet, tghid illi m'ghandhiex flus mnejn thallas – jekk tassew ir-rikorrenti ma ghandhiex flus biex thallas dan gara ghax hadmet bi jew issograt flus l-erarju, u dan ghamlitu "a riskju taghha" u l-Gvern ma ghandu ebda obbligu illi jakkomoda lil min igib ruhu hekk.

5. Kif inghad, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha, wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

"L-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg stimi ta' taxxa fuq id-dhul tas-socjetà rikorrenti. Ir-rikorrenti qablet ma' xi whud mill-istimi izda mhux ma' ohrajn. Ghalkemm qablet illi kellha thallas, ma kellhiex mnejn thallas u ghalhekk waslet fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex it-taxxa li hemm qbil dwarha thallasha bin-nifs. Dwar il-bqija tat-taxxa, li kienet kontestata, dakinhar stess tal-ftehim ressqet appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali qabel ma kienet hallset it-taxxa li dwarha kien hemm qbil.

"Il-Bord ta' Kummissarji Specjali, wara li ra l-art. 35(1) tal-Kap. 372, li jghid hekk:

**35.** (1) Kull persuna illi, aggravata bi stima maghmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju… … … tista' taghmel, fi zmien tletin gurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' Kummissarji Specjali:

Izda ebda appell bhal dak ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma jithallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni.

b'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2002 qataghha illi kellu "jiddikjara l-appell bhala null".

"Is-socjetà rikorrenti appellat minn din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell u din, b'sentenza tat-28 t'April 2004, cahdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza tal-Bord ta' Kummissarji Specjali.

"Ir-rikorrenti issa qieghda tghid illi, billi hi ma kellhiex flus bizzejjed biex, qabel ma taghmel appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fiz-zmien li taghti l-ligi, thallas it-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni, kienet effettivament imcahhda mill-jedd ta' smigh quddiem il-bord u, wara, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bi ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha mharsa taht l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni

**39.** (2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

u l-artt. 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 6

(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu …… …, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. … … …

ARTIKOLU 13

Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali.

"L-intimati qeghdin ighidu illi fi proceduri dwar taxxa ma jinghatawx decizjonijiet dwar drittijiet jew obbligi civili, u ghalhekk ma jintlaqtux bl-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jew bl-art.6(1) tal-Konvenzjoni. Ghalhekk, ladarba ma ntlaqtux

drittijiet imharsa taht il-Konvenzjoni, lanqas l-art. 13 tal-Konvenzjoni ma jghodd ghall-kaz.

“Huwa minnu illi, kif qalu l-intimati, il-Qorti Ewropea f’sentenza moghtija fit-12 ta’ Lulju 2001 fil-kaz ta’ **Ferrazzini *versus* l-Italja**[9] regghet affermat il-pozizzjoni li kienet hadet f’sentenzi moghtija qabel fis-sens illi proceduri dwar taxxa ma jidhlux fl-ambitu ta’ l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni:

1. In the tax field, developments which might have occurred in democratic societies do not, however, affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. In comparison with the position when the Convention was adopted, those developments have not entailed a further intervention by the State into the “civil” sphere of the individual’s life. The Court considers that tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant.

“Il-Qorti Ewropea kompliet izzomm din il-pozizzjoni wkoll f’decizjonijiet aktar recenti, bhal dik tat-23 ta’ Lulju 2002 fl-ismijiet **Västberga Taxi Aktiebolag u Nino Vulic *versus* l-Isvezja**[10]**:**

75. The Court has consistently held that, generally, tax disputes fall outside the scope of “civil rights and obligations” under Article 6 of the Convention, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer (see, as the most recent authority, the *Ferrazzini v. Italy* judgment cited above, § 29). The facts of the present case do not give reason to review that conclusion.

“Madankollu, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali f’sentenza moghtija fit-30 ta’ Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Frando *versus* Avukat Generali et**[11], ghandha ssir distinzjoni bejn “mertu li essenzjalment kien

---

[9] Rikors nru 44759/98.
[10] Rikors nru 36985/97.
[11] Rikors Kostituzzjonali nru 592/1997.

jirrigwarda … … … l-impozizzjoni tat-taxxa u l-ezigibilità taghha” u “l-verifika gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja mill-organi statutorjament fdati b’din il-kompetenza dwar jekk it-taxxa li l-kontribwent kien gie ordnat ihallas kinitx wahda gusta jew le skond il-ligi”. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ **Frendo** hekk kienet fissret id-distinzjoni u l-konsegwenzi taghha:

2. Il-garanziji kostituzzjonali ghal smigh xieraq ma kinux allura japplikaw fir-rigward ta’ l-agir ta’ l-istat biex jimponi u jesigi t-taxxi. Mill-banda l-ohra fl-ezercizzju tad-dritt sovran li jimponi t-taxxi u jezigi l-hlas taghhom l-istat kellu josserva l-harsien ta’ jeddijiet ohra, fosthom ukoll uhud protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, inkluz dak li jkun hemm bazi legali ghalihom, li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li jkunu utilizzati ghall-iskop li ghalih l-istat ikun inghata l-poter li jezigihom. Minn dan tohrog necessarjament il-konkluzjoni illi ma jfissirx illi in materja ta’ tassazzjoni, il-gurisdizzjoni tal-qorti li tissindika l-operat ta’ l-istat hi kompletament ezawtorata. Dan ghaliex hemm materji ohra li jirrigwardaw anke l-jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta’ smigh xieraq illi kien jinkombi fuq l-istat li josserva l-harsien taghhom u li kellhom allura jkunu gustament soggetti ghall-verifika minn din il-qorti.

3. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni li, filwaqt illi l-qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-impozizzjoni ta’ taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b’ligi dan ma jfissirx li cittadin ma kellux l-jedd illi jkollu l-mezz ta’ verifika biex jassigura illi dik il-ligi tkun giet, fil-konfront tieghu, sewwa applikata. Dan l-istess ligi tal-*V.A.T.* taht ezami tikkonsidrah. Tant hu hekk illi tipprovdi fiha nfisha l-mekkanizmu kif jigi assigurat illi l-Kummissarju tal-*V.A.T.* ikun jamministra l-ligi fil-konfront tac-cittadin korrettement. Dan propju biex jigi assikurat illi c-cittadin ihallas dak li kien minnu dovut u xejn aktar. L-Att allura jipprovdi kemm ghad-dritt ta’ appell quddiem il-Bord ta’ l-Appelli, kif ukoll, f’certi kazijiet, ghad-dritt ta’ appell quddiem l-onorabbli Qorti ta’ l-Appell. Kien ghalhekk li fl-art. 34 ta’ l-Att taht ezami twaqqaf Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex jisma’ u jaqta’ appelli u riferenzi li jistghu

jsirulu fir-rigward ta' l-istimi u hwejjeg ohra li ghalihom inghata d-dritt ta' appell. Inoltre fl-art. 36 hemm provdut ukoll li kull persuna li wara li tkun ghamlet appell quddiem il-Bord thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' dak il-Bord, tista' taghmel appell minn dik id-decizjoni ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq kull punt ta' ligi biss. L-istess jedd inghata lill-Kummissarju.

4. Issa m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi dawn id-disposizzjonijiet joholqu favur kemm il-kontribwent kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Mizjud il-jedd ta' access ghal tribunal kwazi-gudizzjarju u gudizzjarju biex jigi stabbilit jekk il-ligi, li kienet taghti d-dritt lill-Kummissarju li jimponi u jesigi t-taxxa, kinitx sewwa minnu mharsa. Dan id-dritt ta' access ghall-organi li jamministraw il-gustizzja huwa dritt privat tac-cittadin daqs kemm hu dritt tal-Kummissarju u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta' dawn il-processi kienu u kellhom ikunu applikabbli l-garanziji kollha ghal smigh xieraq skond kif stabbilit fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u fl-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni.
5. L-Istat allura seta' ma kellux l-obbligu li bilfors jipprovdi dawn il-mezzi ta' kontroll fuq l-operat ta' l-amministrazzjoni tal-ligi tat-taxxa bil-holqien ta' dawn l-istrutturi u bl-ghoti ta' dan il-jedd ta' access ghal tribunali bil-gurisdizzjoni li jindagaw u jiggudikaw il-materji mhollija fil-kompetenza taghhom, però, *una volta* ghazel li hekk jaghmel, kellu necessarjament jassoggetta ruhu ghal-ligi u, tramite l-applikazzjoni tar-regoli u principji ta' smiegh xieraq, jassigura l-amministrazzjoni tal-gustizzja anke f'materja ta' tassazzjoni.

"Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet affermat dan il-hsieb f'sentenza aktar recenti moghtija fit-28 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Cilia *versus* Prim'Ministru *et***[12]:

Din il-qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza fil-kaz ta' ***Ferrazzini v. Italy*** (inkluzi z-zewg opinjonijiet separati minn dik tal-maggoranza tal-*Grand Chamber* – wahda "*concurring*" u l-ohra "*dissenting*") u hi tal-fehma li ma

---

12 Rikors Kostituzzonali nru 656/1998.

ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni raggunta kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fis-sentenza fil-kaz ta' ***Frendo***. Apparti li l-kaz ta' ***Ferrazzini*** kien kaz dwar dewmien tal-proceduri (quddiem id-*District Tax Commission* ta' Oristano), u apparti li mis-sentenza ma jirrizultax x'kien ezatt ir-rwol "gudizzjarju" jew "kwazi-gudizzjarju" ta' din it-*Tax Commission*, din il-qorti taqbel li r-regola hi li "*… … … tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations.*" Fil-fehma tal-qorti, però, dan ifisser biss li l-qrati m'ghandhomx id-dritt li jissindakaw l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm tali imposizzjoni u ezazzjoni jkunu regolati b'ligi. Jekk, però, l-istat stess, permezz tal-ligi, jaghti d-dritt lic-cittadin li jirrikorri biex jikkontesta tali imposizzjoni jew ezazzjoni quddiem "tribunal indipendenti u imparzjali", id-dritt ta' access ghal tali tribunal (fil-kaz in dizamina, tribunal kwazi-gudizzjarju bhalma hu l-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u qorti bhalma hi l-Qorti ta' l-Appell) fih innifsu huwa dritt privat, b'mod li l-garanziji kemm ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll dawk ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ikunu applikabbli ghal dak it-"tribunal indipendenti u imparzjali". Isegwi wkoll li jekk xi disposizzjoni ta' ligi ccahhad b'mod irragjonevoli lic-cittadin minn dak id-dritt ta' access moghti lilu bil-ligi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza kemm ma' l-artikolu 6(1) kif ukoll ma' l-artikolu 39(2) imsemmija.

"Dak li nghad fuq proceduri dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ighodd ukoll ghal proceduri dwar it-Taxxa fuq id-Dhul.

"Ladarba fil-kaz tallum ir-rikorrenti ma hijiex qieghda tikkontesta s-setgha ta' l-istat illi jimponi t-taxxi izda qieghda tfittex biss illi, fi proceduri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji dwar il-legalità tal-likwidazzjoni tat-taxxa, ikollha access ghal qorti u smigh xieraq, id-dispozizzjonijiet ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jghoddu ghall-kaz.

"L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati hija ghalhekk michuda.

“Nghaddu ghalhekk biex inqisu l-meritu tat-talbiet tar-rikorrenti, li essenzjalment huwa dwar jekk id-dispozizzjonijiet ta’ l-art. 35(1) tal-Kap. 372 icahhduhiex minn access ghal qorti fejn tinghata smigh xieraq biex tikkontesta l-legalità tal-likwidazjoni tat-taxxa.

“Tassew illi l-ligi tohloq ostakolu ghal min irid jaghmel appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghax, qabel ma jappella, u fiz-zmien moghti ghall-appell, irid ikun hallas it-taxxa kollha li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni. Madankollu, il-fatt illi hemm dan l-ostakolu ma huwiex wahdu bizzejjed biex tghid illi r-rikorrenti hija mcahhda minn access ghal qorti, ghax trid tara wkoll jekk dak li trid il-ligi hijiex xi haga ragjonevoli jew le. Fil-fatt, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ **Cilia** fis-silta migjuba fuq, “jekk xi disposizzjoni ta’ ligi ccahhad b’mod irragjonevoli lic-cittadin minn dak id-dritt ta’ access moghti lilu bil-ligi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza kemm ma’ l-artikolu 6(1) kif ukoll ma’ l-artikolu 39(2) imsemmija”.

“Id-dispozizzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienet il-meritu tal-kazijiet ta’ **Frendo** u ta’ **Cilia** kienet aktar iebsa minn dik dwar it-Taxxa fuq id-Dhul, li hija l-meritu tal-kawza tallum, ghax il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienet trid illi, biex isir appell, min jappella jhallas mhux biss it-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni — bhal fil-kaz tallum —izda wkoll hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata. Din kienet htiega li manifestament ma kinitx ragjonevoli ghax il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud seta’ hareg stima esaggerata u, ghax tkun esaggerata, 25% tat-taxxa kontestata tkun cifra illi min irid jappella ma jkunx jiflah ihallasha. Ghalhekk, effettivament, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud seta’, aktar ma jkun esaggerat, aktar jaghti lilu nnifsu immunità minn stharrig gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju ghalkemm il-ligi taghti jedd ghal dak l-istharrig. Kien ghalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi dik id-dispozizzjoni kienet bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

"Izda, kif qalet l-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Cilia**[13]:

Kjarament ma kien hemm xejn x'josta kondizzjoni illi kontribwent ma jkollux dritt ta' appell qabel ma jhallas dik it-taxxa li ma tkunx in kontestazzjoni.

"Fil-kaz tallum kull ma kellha thallas ir-rikorrenti biex tkun tista' tappella kienet it-taxxa illi hi stess taqbel illi kellha thallas u illi, ghalhekk, il-principji tat-tmexxija korporattiva tajba kienu jridu illi r-rikorrenti tkun ghamlet rizerva f'waqtha ghaliha fil-kontijiet u fl-istimi finanzjarji taghha.

"Billi ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispozizzjoni ta' l-art.35(1) tal-Kap. 372 ma ccahhadx b'mod li ma huwiex ragjonevoli lir-rikorrenti milli tinqeda bil-jedd ta' appell, dik id-dispozizzjoni ma hijiex bi ksur ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni jew ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni.

"Ir-rikorrenti qieghda tistrieh ukoll fuq l-art. 13 tal-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jaghti jedd ghal rimedju effettiv lil "min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni". Billi fil-kaz tallum ma kien hemm ksur ta' ebda dritt jew libertà mharsa taht il-Konvenzjoni, ma hu mehtieg ebda rimedju. Ghalhekk dan l-artikolu ma jghoddx ghall-kaz.

"Ir-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tghid ukoll illi l-ftehim bejnha u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex it-taxxa thallasha bin-nifs kien jiswa daqslikieku t-taxxa thallset biex ikun jista' jsir l-appell, u illi l-kummissarju ma qaghadx ghall-ftehim u anzi qarraq bir-rikorrenti meta l-ewwel taha x'tifhem li l-ftehim kien jiswa bhala hlas ghall-ghanijiet ta' l-art. 35(1) tal-Kap. 372 u mbaghad strieh fuq dik id-dispozizzjoni biex waqqa' l-appell.

"Dan huwa argument li forsi ma kienx ikun ghal kollox irrelevanti ghall-konsiderazzjonijiet quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali u quddiem il-Qorti ta' l-Appell; izda

[13] Recte: "fil-kaz ta' **Frendo** – il-Qorti Kostituzzjonali

dawn il-proceduri tallum ma humiex appell mid-decizjonijiet ta' dawk it-tribunali u ghalhekk l-argument tar-rikorrenti ma huwiex wiehed illi din il-qorti tista' tqisu fil-proceduri tallum."

6. Minn din is-sentenza appellat l-imsemmija socjeta` Pig Breeding Company Limited. Sar appell incidendali wkoll mill-Avukat Generali u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

7. Ir-rikors ta' appell tas-socjeta` Pig Breeding Company Limited huwa pjuttost wiehed konfuz, b'hafna referenzi ghal sentenzi li huma totalment inutili ghax kjarament ma jaghmlux ghall-kaz – biex wiehed ma jsemmix kwotazzjonijiet bil-Latin (ara pagna 7 tar-rikors, fol. 162 ta' l-atti) li huma wkoll ghal kollox irrelevanti ghall-punt wiehed u kardinali li huwa verament il-meritu ta' dana l-appell[14]. Dawn l-irrelevanzi kollha, sfortunatament, gja kellha tirrinfaccjahom anke l-ewwel Qorti – ara n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` a fol. 140 sa 149. L-appellanti tipprova anke, fl-ewwel "aggravju" taghha, tilmenta mill-fatt li, skond hi, "l-Ewwel Qorti ma mmotivatx sufficjentement id-decizjoni taghha", aggravju li din il-Qorti qeghda sommarjament tiddisponi minnu bhala altament fieragh. Il-punt wiehed u kardinali f'dan l-appell kollu huwa jekk l-Artikolu 35(1) jipprovdix ghal ostakolu procedurali ragjonevoli o meno ghall-ezercizzju tad-dritt, moghti lic-cittadin bil-ligi stess, ta' access ghal "tribunal indipendenti u imparzjali" – li huwa it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti.

8. Permezz ta' l-appell incidentali taghhom, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jergghu isostnu li l-Artikoli 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni rispettivament ma japplikawx ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali peress li dawn, skond huma, ma humiex proceduri ghad-"determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili". Huma ghalhekk qed jitolbu li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-

[14] A differenza tar-rikors ta' appell, ir-risposta taghha (fol. 174) ghall-appell incidentali tal-kontro-parti hija konciza u tmur mill-ewwel ghall-qofol tal-vertenza, kif kull att gudizzjarju ghandu jkun.

meritu, thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni taghhom, billi tilqa' dik l-ewwel eccezzjoni. Fuq dana l-appell incidentali, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. Huwa evidenti li l-appellati ghadhom ma jridux jaccettaw – jew ma jistghux jifhmu jew ma jridux jifhmu – dak diga` deciz darbtejn minn din il-Qorti -- l-ewwel darba bis-sentenza ***Anthony Frendo v. Avukat Generali et*** tat-30 ta' Novembru 2001, u in segwitu bis-sentenza ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** tat-28 ta' Jannar 2005. Din il-Qorti tillimita ruhha li terga' ttenni li meta l-istat, permezz tal-ligi, jaghti d-dritt lic-cittadin li jirrikorri biex jikkontesta l-imposizzjoni jew esazzjoni ta' taxxa quddiem tribunal kwazi-gudizzjarju u, wara, quddiem organu gudizzjarju (f'dan il-kaz il-Bord tal-Kummissarji Specjali u l-Qorti ta' l-Appell) tali dritt ta' access huwa fih innifsu dritt privat, b'mod li l-garanziji kemm tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll dawk tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ikunu applikabbli ghal dak it-"tribunal indipendenti u imparzjali" – anke l-Bord huwa koncepit, ghall-anqas fit-teorija u mqieghed kif inhu f'parti mill-*iter* proceduralі li jwassal ghall-Qorti ta' l-Appell, bhala bord indipendenti u imparzjali. Konsegwenza ta' dan hi li jekk xi disposizzjoni ta' ligi ccahhad b'mod mhux ragjonevoli lic-cittadin minn dak id-dritt ta' access moghti lilu bil-ligi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza maz-zewg disposizzjonijiet appena msemmija. Ghalhekk l-appell incidentali qed jigi respint.

9. Nigu ghalhekk ghall-appell tas-socjeta`. L-artikolu in kontestazzjoni huwa, kif diga` rajna l-Artikolu 35(1) tal-Kap. 372. Dan jipprovdi hekk:

**"Kull persuna illi, aggravata bi stima maghmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif mahsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' taghmel, fi zmien tletin gurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' Kummissarji Specjali.**

**"Izda ebda appell bhal dak ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma jithallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni."**

10. Il-problema kollha ddur fuq il-*proviso*. Jirrisulta mill-provi – li effettivament ma gew b'ebda mod kontestati mill-intimati appellati – li permezz ta' appell tad-19 ta' April 2002 is-socjeta` appellanti odjerna appellat quddiem il-Bord mit-talba tal-Kummissarju li thallas Lm 32,993. Fir-rikors ta' appell (fol. 9-10), pero`, iddikjarat li ma kienx hemm kwistjoni dwar l-ammont ta' Lm26,376 li minnhom kienu diga` thallsu Lm3,686, u l-bilanc ta' Lm22,690 kien ser jithallas b'rati mensili skond ftehim milhuq mis-socjeta` ma' l-istess Kummissarju fid-19 ta' April 2002 (l-istess gurnata li gie ppresentat l-appell), u li kopja tieghu kienet giet presentata mar-rikors ta' appell quddiem il-Bord. Il-bazi ta' l-appell quddiem il-Bord hija indikata f'dak ir-rikors bhala *"Capital allowances claimed on the buildings consisting of a pig breeding farm were not allowed. In our opinion this building should be treated on the same basis as an industrial building…Section 14(1)(f) refers to any premises being an industrial building or structure. In our opinion a pig farm is an industrial structure."* Mhux kontestat mill-appellati li f'April ta' l-2002 is-socjeta` verament ma kienitx f'posizzjoni li thallas f'daqqa l-ammont kollu li kien ghad fadalla thallas, cioe` Lm22,690.

11. Issa, ma hemmx dubju li d-dritt ta' access ghal tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'ligi jista' mhux biss jigi regolat – ghal dak li huwa forma, termini u modalitajiet ohra purament formali li jizguraw mhux biss uniformita`, kjarezza w aspetti ohra li jghinu fl-andament tas-smigh, u li fl-istess hin iservu biex ma tigix avallata traskuragni da parti tal-partijiet jew tar-rappresentanti taghhom – izda jista' wkoll jigi limitat. Kif jinghad f' **Jacobs & White: The European Convention on Human Rights**[15]

[15] O.U.P. 3rd ed., p. 152.

**"The right of access to a court is not absolute: it is open to States to impose restrictions on would be litigants, as long as these restrictions pursue a legitimate aim and are not so wide-ranging as to destroy the very essence of the right. For example, orders preventing vexatious litigants from commencing or pursuing claims without leave are not usually in breach of Article 6(1) since such orders pursue the aim of preserving court time and resources for deserving cases and since the litigant would be granted leave to pursue a meritorious action.**

**"Similarly, the Court found in the *Stubbings* case [24 September 1996] that the provisions of the Limitation Act 1960, requiring actions for damages for trespass against the person to be commenced within three years of the alleged injury or the victim's eighteenth birthday, were not a disproportionate restriction on the right of access to court, even though the applicants, victims of child sexual abuse, had been unable to bring proceedings within the time limit because of the effects of repressed memory syndrome. Limitation periods were held to pursue the legitimate aim of ensuring legal certainty and finality, whilst still allowing litigants some opportunity to come to court.**

**"The right of access to a court must not only exist in theory, it must also be effective. This means, for example, that if a poor litigant wishes to bring court proceedings which are meritorious but so complex as to be impossible to pursue without professional legal assistance, the State must provide legal aid if this is 'indispensable for an effective access to court'."** [16]

12. L-iskop tal-*proviso* in dizamina, u cioe` li ebda appell lill-Bord ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma tkunx thallset it-taxxa mhux in kontestazzjoni, jidher li

[16] Ara wkoll, u f'aktar dettal, Harris, O'Boyle u Warbrick **Law of the European Convention on Human Rights** Butterworths (London) 1995, pp. 196 sa 202.

hu – u jinghad "jidher" ghax l-appellati f'ebda stadju ma indirizzaw b'mod car dan il-punt – li dak li jkun ma jkunx jista' jtawwal ossia jipprokrastina fil-hlas ta' dak dovut bl-espedjent li ghandu l-appell pendenti. Jekk l-appell huwa fuq punt partikolari – u li allura jirrigwarda ammont specifiku – l-ammont l-iehor irid jithallas. Fih innifsu l-ghan huwa perfettament legittimu. Pero` x'jigri jekk persuna, meta tigi biex tappella quddiem il-Bord, genwinament tkun f'posizzjoni li ma tistax thallas l-ammont mhux in kontestazzjoni? L-argument ta' l-appellati, kemm fir-risposta taghhom ghar-rikors promotorju kif ukoll fir-risposta ghall-appell odjern, argument kondiviz mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, hu li dak li jkun ghandu, meta jkun ghamel il-profitt, dejjem iwarrab dak li jkun dovut bhala taxxa biex din tithallas lill-erarju. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, dan l-argument huwa wiehed normalment validu, izda li jista' ma jindirizzax certi sitwazzjonijiet li kontribwent jista' jsib ruhu fihom intortament. Persuna, specjalment persuna li tkun qed tiggestixxi negozju, normalment tkun taf kemm ghandha thallas taxxa mhux ma kull transazzjoni izda biss perjodikament meta taghmel il-konteggi kollha mehtiega ghal dak il-perjodu. Din il-Qorti tosserva a propositu li fil-kaz in dizamina, l-istimi ("assesments") ghas-snin mill-1994 sal-1997 (ara dokumenti a fol. 14 sa 17 ta' l-atti), hargu kollha fit-13 ta' Ottubru 1998. Pero` apparti minn hekk, anke jekk wiehed kellu jassumi – kif forsi jista' jassumi – li s-socjeta` appellanti ma kienitx hadet hsieb sew tal-finanzi taghha u ta' dak dovut lill-erarju, dan in-nuqqas ghandu jissarraf filli hija possibilment tispicca jkollha thallas aktar minn dak li legalment hu minnha dovut, u dan peress li jigi negat lilha d-dritt ta' appell fuq dik il-parti ta' l-istima li hi in kontestazzjoni? Fil-fehma tal-Qorti ir-risposta ghandha tkun decizament fin-negattiv. Fi kliem iehor, il-*proviso* kif inhu formulat, li ma jhalli ebda lok ghal biex wiehed jiddistingwi jekk in-nuqqas li wiehed ihallas l-ammont mhux in kontestazzjoni jkunx dovut ghal semplici traskuragni da parti ta' l-appellant meta dan seta' hallas, jew ikunx dovut ghal xi raguni gusta bhal meta kontribwent ikun qed isofri minn xi nuqqas temporanju ta' likwidita`, johloq sproporzjon bejn l-ghan legittimu li jrid jintlahaq u l-mezz adoperat, b'mod li allura l-limitazzjoni

ghad-dritt ta' access ghal tribunal indipendenti w imparzjali imwaqqaf b'ligi ma jibqax wiehed verament ragjonevoli.

13. Fir-risposta ghar-rikors ta' appell odjern, l-appellati jeccepixxu l-karenza ta' interess guridiku tas-socjeta` appellanti fl-appell *"…kif bazat fuq il-ftehim tad-19 ta' April 2002 billi hija sa mit-13 ta' Jannar 2003 waqfet taghmel pagamenti fit-termini ta' l-istess ftehim u ghalhekk hija ma fadlilha ebda interess guridiku fil-meritu ta' din il-kawza…"* Din il-Qorti tikkonfessa li ma tistax tifhem dan l-argument. Apparti li ma hemm ebda prova fl-atti li sa mit-13 ta' Jannar 2003 is-socjeta` appellanti waqfet milli tkompli tonora l-ftehim tad-19 ta' April 2002 (kopja ezibita a fol. 13 ta' l-atti), dan il-ftehim huwa marginali ghall-kwistjoni kollha tal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif allegat mis-socjeta` appellanti. Se mai, is-semplici fatt li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni accetta li l-pagament ta' dak dovut isir ratealment huwa indikazzjoni li s-socjeta` genwinament kellha problemi ta' likwidita` meta giet biex tappella. Sa hemmhekk tasal ir-relevanza ta' dak il-ftehim. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata. Jinghad ukoll, a skans ta' ekwivoci, li huwa minnu li din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza ga msemmija fl-ismijiet ***Anthony Frendo v. Avukat Generali et*** [17] kienet qalet *"Kjarament ma kien hemm xejn x'josta kondizzjoni illi kontribwent ma jkollux dritt ta' appell qabel ma jhallas dik it-taxxa li ma tkunx in kontestazzjoni."* Dan il-pronunzjament, pero`, kien kjarament wiehed *obiter* peress li l-qofol ta' l-appell f'dik il-kawza u l-qofol tal-vertenza kien ir-rekwizit mhux li tithallas it-taxxa in kontestazzjoni izda r-rekwizit li tigi depozitata somma ekwivalenti ghal 25% tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha. Il-kwistjoni ta' jekk il-hlas tat-taxxa mhux in kontestazzjoni f'sitwazzjoni fejn ikun hemm problema genwina ta' likwidita` jilledix id-drittijiet protetti bl-Artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament, ma giet b'ebda mod indirizzata *funditus* f'dik is-sentenza.

[17] U mhux fis-sentenza ta' ***Cilia***, kif erroneament jinghad fis-sentenza appellata.

14. Fid-dawl tas-suespost, ma hemmx lok li din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

15. Ghall-motivi premessi:

i. tichad l-appell incidentali ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;
ii. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu iddecidiet li ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti mharsa taht l-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fejn cahdet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotorju u fejn ikkundannat lis-socjeta` rikorrenti thallas l-ispejjez kollha tal-kawza, u minflok tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` Pig Breeding Company Limited fis-sens illi tiddikjara li bl-applikazzjoni mill-Bord tal-Kummissarji Specjali u in segwitu mill-Qorti ta' l-Appell tal-*proviso* ta' l-Artikolu 35(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa gie lez id-dritt fundamentali tal-istess socjeta` ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikoli 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament;
iii. tastjeni milli tipprovdi dwar it-tieni talba tas-socjeta` rikorrenti;
iv. tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotorju billi thassar u tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tal-11 ta' Dicembru 2002 fil-kaz nru. 17/2002 fl-ismijiet ***Pig Breeding Co. Ltd. v. Kummisarju tat-Taxxi Interni*** kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-28 ta' April 2004 (App. Nru 3/2003) fl-istess ismijiet; tiddikjara null u bla effett il-*proviso* tal-Artikolu 35(1) tal-Kap. 372 in kwantu dan jivvjola l-Artikoli 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament; tqieghed lis-socjeta` Pig Breeding Company Limited fl-istess posizzjoni li kienet immedjatament qabel ma beda jinstema' l-appell taghha mill-Bord tal-Kummissarji Specjali u tordna l-istess appell jinstema' fil-meritu a bazi tar-rikors tad-19 ta' April 2002.

16. Kwantu ghall-ispejjez, dawn jithallsu hekk: (i) l-ispejjez konnessi ma’ l-appell incidentali jithallsu kollha mill-Avukat Generali u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (ii) dawk ta’ l-ewwel istanza u dawk konnessi ma’ l-appell principali jithallsu kwantu ghal nofs mis-socjeta` appellanti u n-nofs l-iehor mill-Avukat Generali u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan in vista tal-mod kif inhu redatt ir-rikors ta’ appell tas-socjeta` appellanti (kif spjegat fil-paragrafu 7 ta’ dan il-gudikat), b’mod li inhela z-zmien ta’ din il-Qorti.

17. Fl-ahhar nett tordna li kopja ufficjali ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur Qrati u Tribunali Civili lill-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tar-Rappresentanti biex jirregola ruhhu dwarha skond il-ligi u senjatament kif provvdut fl-Artikolu 242 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------